MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GINO CAMILLERI

Seduta ta' l-20 ta' Ottubru, 2006

Citazzjoni Numru. 1907/1999/1

**Sciclunas Investments Limited**

**vs**

**Private Health Investments Limited**

Il-Qorti

Rat ic-citazzjoni fejn is-socjeta attrici ppremettiet:

Billi fil-4 ta' Marzu 1999 s-socjeta attrici kienet dahlet f'konvenju ma diversi socjetajiet ohra u ma Dr. Frank Portelli hawn ezibit u markat Dokument A ghall-bejgh u trasferiment tal-ishma fis-socjeta The Golden Sheperd Group Limited fejn fost hwejjeg ohra gie pattwit li s-socjeta

attrici jkollha dritt tixtri lura minnghand is-socjeta li eventwalment tidher fuq il-kuntratt finali erbgha punt decimali hamsa fil-mija (4.5%) tal-azzjonijiet tas-socjeta The Golden Shepherd Group Limited taht il-kondizzjonijiet hemm pattwiti;

Billi fid-29 ta' April 1999 il-partijiet ghaddew ghall-kuntratt definittiv b'liema s-socjeta konvenuta akkwistat l-ishma fis-socjeta The Golden Shepherd Group Limited u giet stipulata ghat-tenur tal-konvenju fuq imsemmi f'dan il-ftehim id-dritt tas-socjeta attrici li tixtri lura l-ishma fuq imsemmija; kopja ta' dan il-ftehim hu esibit u markat Dokument B;

Billi s-socjeta konvenuta baghtet ittra bid-data tal-25 ta' Gunju, 1999 lis-socjeta attrici, hawn ezaibita u markata Dokument C, b'liema offriet lis socjeta attrici ishma fis-socjeta The Golden Shepherd Group Ltd ghat-tenur tal-ftehim tad-29 ta' April, 1999; din l-ittra giet recipita mis-s-socjeta attrici fit-2 ta' Lulju, 1999;

Billi b'ittra tat-12 ta' Lulju, 1999 kkomunikata lis-socjeta konvenuta is-socjeta attrici accetat li takkwista l-ishma fis-socjeta The Golden Shepherd Group Ltd liema ittra tinsab hawn esibita u markata Dokument D;

Billi s-socjeta attrici fit-termini stipulati interpellat lis-socjeta konvenuta biex taddivjeni ghall-bejgh tal-ishma kif minnha offerti bl-ittra fuq imsemmija u skond il-kondizzjonijiet stipulati fil-ftehim tad-29 ta' April, 1999, izda inutilment;

Talbet ghalhekk lis-socjeta' konvenuta tghid ghaliex ghar-ragunijiet premessi din il-Qorti m'ghandhiex:

Tikkundanna lill-konvenuti jersqu ghall-ftehim ta' trasferimnet tal-ishma fuq imsemmija fis-socjeta The Golden Shepherd Group Ltd, u cioe erba punt decimali hamsa fil-mija (4.5%) tal-ishma ordinarji fl-istess socjeta, u

dan favur is-socjeta attrici u fit-termini, bil-prezz u kondizzjonijiet pattwiti fl-iskrittura tad-29 ta' April, 1999;

Tinnomina nutar pubbliku biex jippublika l-att relattiv u kuraturi deputati biex jidhru ghall-eventwali kontumaci fuq l-istess att u dan fid-data hin u lok li tigi minn dina l-Qorti ffissata;

Bl-ispejjez u bl-ingunzjoni tal-konvenuti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta attrici debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda taghha;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta fejn gie eccpit :-

1. Illi t-talbiet tas-socjeta' attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante illi s-socjeta' attrici ma interpellatx lis-socjeta' konvenuta biex taddivjeni ghall-bejgh ta' ishma minnha offerti fiz-zmien u skond il-kondizzjonijiet stipulati fil-ftehim tad-29 ta' April 1999;

2. Illi ghaldaqstant it-talbiet tas-socjeta' attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez;

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta' konvenuta debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda taghha;

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza ud d-dokumenti esibiti;

Semghet lix-xhud Vincent Curmi in kontro ezami;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tas-socjeta konvenuta;

Rat li l-kawza giet differita ghas-sentenza;

Ikkonsidrat:

Fic-citazzjoni s-socjeta attrici tghamel referenza ghal-kuntratt tad-29 ta' April 1999 li bih is-socjeta konvenuta akkwistat l-ishma kollha tas-socjeta The Golden Shepherd Group Limited minnghand is-socjeta attrici u ohrajn. F'dan il-kuntratt is-socjeta attrici zammet id-dritt li tixtri lura erbgha punt decimali hamsa fil-mija (4.5%) tal-azzjonijiet tal-imsemmija socjeta The Golden Shepherd Group Limited u dana fit-termini u bil-kondizzjonijiet kif pattwiti fl-istess kuntratt;

Is-socjeta attrici tippremetti li s-socjeta konvenuta b'ittra datata tal-25 ta' Gunju, 1999 ghamlet l-offerta sabiex is-socjeta attrici tixtri lura l-imsemmija ishma. B'ittra tat-12 ta' Lulju, 1999 is-socjeta attrici infurmat is-socjeta konvenuta l-accettazzjoni taghha. Is-socjeta attrici tippremetti ukoll li is-socjeta konvenuta naqset li tghaddi lura dawn l-ishma u ghalhekk qed issir din il-kawza. Is-socjeta attrici ghalhekk qe titlob li s-socjeta konvenuta tigi kundannata tersaq ghall-ftehim ta' trasferiment ta' dawn l-ishma u dana bil-prezz u taht il-kondizzjonijiet kif pattwiti fl-imsemmija skrittura;

Da parti taghha s-socjeta' konvenuta teccepixxi li s-socjeta' attrici ma interpellatx lis-socjeta' konvenuta biex taddivjeni ghall-bejgh ta' ishma minnha offerti fiz-zmien u skond il-kondizzjonijiet stipulati fil-ftehim tad-29 ta' April 1999;

Mill-provi jirrizulta li fl-imsemmi ftehim is-socjeta attrici rriservat a favur taghha li tixtri lura l-imsemmija ishma u dana fit-termini u taht il-kondizzjonijiet kif stipulati fl-istess ftehim. L-artikolu 11 ta' dan il-ftehim jipprovdi li s-socjeta' konvenuta kienet obligata taghmel din l-offerta bil-miktub lis-socjeta attrici fi zmien sitt xhur mid-data tal-ftehim. In efett jirrizulta li din l-offerta saret fl-imsemmi terminu miftiehem. Jirrizulta li din l-offerta wasslet ghand is-socjeta attrici fit-2 ta' Lulju 1999. Dejjem skond il-ftehim din l-

offerta kienet tiskadi jekk is-socjeta konvenuta ma tircevix l-accettazzjoni tas-socjeta attrici fi zmien ghaxart ijiem. In vista ta' dan il-ftehim u skond il-ligi l-offerta kellha tiskadi jekk ma jkunx hemm accettazzjoni sat-12 ta' Lulju 1999;

Jirrizulta ukoll li s-socjeta attrici bghatet zewg ittri ta' accettazzjoni fit-12 ta' Lulju 1999. Jirrizulta li l-ewwel ittra ntbghatet bil-posta registrata u din wasslet wara li skada l-imsemmi terminu. It-tieni ittra thalliet "by hand" f'kaxxa tal-ittri f'residenza f'Attard. Jirrizulta li din il-konsenja ma kenitx skond il-formalitajiet rikjesti skond il-ftehim in kwestjoni li jistipula li l-accettazzjoni kella tintbghat bil-posta registrsata f'indirizz stipulat;

In vista ta dawn ic-cirkostanzi ma jirrizultax li s-socjeta konvenuta rceviet l-accettazzjoni tas-socjeta attrici entro it-terminu miftiehem. Din hija kondizzjoni ta' natura rizoluttiva li sehhet u konsegwentement l-obbligazzjoni relattiva ghandha titqies li skadiet u hi xolta. Skond l-artikolu 1067 tal-Kodici Civili f'dawn ic-cirkostanzi l-Qorti ma tistax tghati aktar zmien sabiex issehh il-kondizzjoni;

Fid-dawl ta' dan kollu l-eccezzjoni tas-socjeta konvenuta ghandhom jigu akkolti u konsegwentement it-talbiet attrici ghandhom jigu rigettati;

Ghal dawn il-motivi :

Tiddecidi billi fl-ewwel lok tilqa l-eccezzjonijiet tas-socjeta konvenuta u konsegwentement tichad it-talbiet kollha attrici;

Spejjez kontra s-socjeta attrici.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------